# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Victor Busuttil**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Victor Busuttil** , li għandu l-karta tal-identita bin-numri 503882M li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli fit-19 t'Ottubru 2014 għall-ħabta tan-00:30 fi Triq id-29 ta' Mejju 1592, Ħal-Tarxien : -

(a) Ħebb għall-persuna ta' Anthony Avallone u kkawżalu offiża ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikata minn Dottor Francesca Lentini Numru tar-reġistrazzjoni medika 3593 miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Paola u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali;

(b) Kiser il-bon-ordni u paċi pubbliku b'għajjat u ġlied u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali;

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex fil-każ ta' ħtija tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***Ikkunsidrat:-***

Illi fid-data, ħin u lok imputati, jirriżulta li Anthony Avallone kien qiegħed fit-triq fejn għandu l-garage tiegħu u viċin tar-residenza tiegħu, barra mill-karozza tiegħu bi ħsiebu jipparkja l-istess vettura fil-garage tiegħu. Sadattant tfaċċa Carmelo Mangion u diversi familjarji tiegħu ħiereġ mir-residenza tat-tifla ta' Carmelo Mangion li hija ġara ma' Anthony u Mary konjuġi Avallone. Irriżulta li hemm kwistjoni bejn Anthony u Mary konjuġi Avallone u Carmelo Mangion dwar xi ħlasijiet ta' appoġġ u materji anċillari. Jirriżulta li inqala' inċident bejn Anthony u Mary konjuġi Avallone u Carmelo Mangion u xi familjarji tiegħu wara li Anthony Avallone qallu kliem fis-sens li Mangion kellu jħalsu l-flus dovuti lilu. Hemmhekk Carmelo Mangion ħebb għal Anthony Avallone u qallu kliem minaċċjuż u inġurjuż fosthom li kien ser joqtlu kif ukoll li kellhom iżommuh ibnu u ħatnu milli jaħbat għal Avallone. Avallone ħarab jiġri darbtejn minn Carmelo Mangion u dar ma

kantuniera. Sadattant jirriżulta mill-provi li l-imputat ġie identifikat minn Anthony Avallone bħala wieħed mill-qraba ta' Carmelo Mangion li waqt din il-kommozzjoni ġera wkoll warajh, laħqu u tah daqqa ta' ħarta, kawża ta' liema daqqa l-istess Avallone waqa' mal-art u ġarrab offiża ta' natura ħafifa. Dan ġie wkoll muri minn ċertifikat mediku kkonfermat permezz t' affidavit minn Dottor Francesca Akanji datat 16 ta' Frar 2015.

***Ikkunsidrat : -***

Qabel xejn jiġi rilevat li t-tieni imputazzjoni f'dan il-każ ma ġietx soddisfaċentement ippruvata in kwantu minn imkien ma jirriżulta li l-imputat kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-azzjoni tiegħu. Mill-provi ma jirriżultax li l-imputat għajjat jew iġġieled b'mod li bl-aġir tiegħu ħoloq biża jew apprensjoni li xi persuna oħra (għajr ħlief għall-Avallone) dwar l-inkolumnita tagħha, ta' persuna oħra jew ta' proprjeta tagħha.

Jirriżulta pero soddisfaċentement ippruvat mit-testimonjanza ta' Anthony Avallone li kien l-imputat li taħ daqqa ta' ħarta. Meta għamlet evalwazzjoni in bażi għall-kriterja stabbiliti fl-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti ma tistax tagħti kredibbilita dik il-parti tax-xiehda tal-imputat u tax-xiehda imresqa in difesa li tgħid li l-imputat ma għamel xejn minn dak li qal Avallone. Din il-

Qorti emnet dik il-parti tax-xiehda t'Avallone li kienet tirrigwarda dik il-parti tal-inċident li seħħet wara l-kantuniera.

Inolte l-imġieba tal-imputat fil-pedana tax-xiehda u l-mod kif xehed ikkonvinċiet lil Qorti li l-fatti kif ġraw kienu differenti minn dawk esposti u li dak li stqarr Avallone huma minnu. Minn dawk in-nies kollha li kienu preżenti, Avallone mill-ewwel stqarr li dak li taħ id-daqqa ta' ħarta kien l-imputat u mhux ħaddieħor. Kien ċar li minkejja l-kliem oltraġġjuż u minaċċjuż mistqarr lilu minn Carmelo Mangion, l-istess Mangion ma missux. Mill-banda l-oħra Victor Busuttil, jidher li ddeffes fejn ma kellux u hemmhekk għamel l-iżball tiegħu. Ma kellu qatt jerfa' idu.

# Decide

li wara li rat l-Artikol 214 u 221(1) tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni stante li din ma ġietx soddisfaċentement ippruvata sal-grad rikjest mill-Liġi, l-istess Qorti qegħda ssib lil Victor Busuttil ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitejn u ħamsin euro (€250).

Inoltre b'żieda mal-multa inflitta, wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Anthony Avallone u l-familjari tiegħu u sabiex jinżamm l-ordni pubbliku, il-Qorti qegħda torbot lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għal perjodu ta' sena millum fl-ammont ta' elfejn euro (€2000).

***14.vii.2015***

***Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***